"Jiena nemmen f'Alla, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema w l-art;"

Alla Huwa mħabba (Huwa Missierna), Alla kbir u setgħani. Jeżisti minn dejjem, ħalaq id-dinja u lill-bniedem.

“U f’Ġesu’ Kristu, Ibnu Wieħed Sidna,”

Ġesu (huwa t-Tieni Persuna tat- Trinita’ Imqaddsa. Ġesu’ huwa l-Messija (il-Kristu).

“li kien ikkonċeput mill-Ispirtu s-Santu, twieled minn Marija Verġni,”

Marija qatt ma kellha x’taqsam ma’ raġel, u minkejja dan welldet lil Ġesu’ li kien ikkonċeput permezz tas-setgħa t’Alla nnifsu u l-kunsens ta’ mara.

“bata taħt il-ħaqq ta’ Ponzju Pilatu, sallbuh, miet u difnuh.”

Ponzju Pilatu ordna sabiex jiġi fflaġġellat u msallab.
Ġesu, l-Imgħallem u Alla tagħna, miet. Il-ġisem mejjet Tiegħu ġie mpoġġi fil-qabar.

**“Niżel il-Limbu, u fit-Tielet Jum qam minn bejn l-imwiet;”**

Qabel Ġesu’, il-bibien tal-Ġenna kienu magħluqa għall-bnedmin. Meta miet, ingħaqad mal-erwieħ li kienu għadhom ma jistgħux jidħlu fil-Ġenna. Fit-tielet jum wara mewtu, Ġesu’ rxoxta. Rebaħ lill-mewt u reġa’ ħa l-ħajja.

“Tala’ fis-smewwiet; qiegħed in-naħa tal-Lemin t’Alla l-Missier, li jista’ kollox;”

Wara 40 jum fid-dinja, Ġesu’ tela’ l-Ġenna u fetaħ il-bibien għall-erwieħ qaddisa w twajba. Ġesu’ qiegħed fil-Ġenna flimkien ma’ Alla, ‘l-Iben Waħdieni’, ‘l-ewwel li rebaħ il-Ġenna mill-bnedmin kollha.

“minn hemm għandu jerġa’ jiġi biex jagħmel ħaqq għall-ħajjin u għall-mejtin.”

Ġesu’ ser jiddeċiedi min jidħol il-Ġenna u minn sejjer jibqa’ barra.

“Nemmen fl-Ispirtu s-Santu,”

It-Tielet Persuna tat-Trinita’ Mqaddsa. Il-Messaġġier, Dak li jidħol għalina (l-Interċessur), L-Ispirtu ta’ Alla.

“il-Knisja Mqaddsa Kattolika”

Il-Knisja li Ġesu’ waqqaf fid-dinja permezz ta’ Pietru, Knisja li tilqa’ lil kulħadd, miftuħa għall-popli tad-dinja kollha.

**“ix-Xirka tal-Qaddisin,”**

**Dawk kollha li jgħixu jew għexu ħajja qaddisa huma għal dejjem f’għaqda waħda mal-Ġisem ta’ Kristu.**

"il-
maħfra
tad-
dnubiet,"

Meta nindmu, in-nuqqasijiet tagħna jiġu maħfura. Aħna wkoll imsejħin sabiex naħfru lil min hu ħati għalina: dawk li weġġgħuna, dawk li naqsuna.

"il-qawma
ta' l-imwiet
u l-ħajja ta'
dejjem."

*"Ammen"*

Fit-Tieni Miġja ta' Ġesu' fid-dinja il-mejtin kollha jergġħu jqumu u ruħhom terġa' tingħaqad ma' ġisimhom. B'hekk ngħixu lkoll ma' Alla fil-Ġenna għal dejjem ta' dejjem, għall-eternita'.

DAN HU T-TWEMMIN TAGĦNA.

F'DAN AĦNA NEMMNU.

GRAZZI.

Il-Paċi ta'
Sidna Ġesu' Kristu
tkun magħkom ilkoll.